

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/118

tal-20 ta' Jannar 2016

dwar l-implimentazzjoni mill-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tar-Riżoluzzjoni 2240(2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA/1/2016)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tipprevedi li l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (l-"operazzjoni") għandha titwettaq f'fażijiet differenti.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2015, il-Kunsill ikkonkluda li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet kollha biex l-operazzjoni timxi għal parti li tinsab fit-tieni fażi tal-operazzjoni fl-ibħra miftuħa. — Fit-28 ta' Settembru 2015, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1772 ⁽²⁾ dwar it-transizzjoni tal-operazzjoni SOPHIA għat-tieni fażi mill-EUNAVFOR MED, kif previst fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 li approvat ukoll Regoli tal-Ingaġġ adattati għal dik il-fażi tal-operazzjoni.
- (3) Fid-9 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2240(2015). Dik ir-Riżoluzzjoni ssaħħaħ l-awtorità biex jittieħdu miżuri kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin mit-territorju tal-Libja u lil hinn mill-kosta tagħha. B'mod partikolari, fil-paragrafi 7, 8 u 10 tawtorizza lill-Istati Membri, waqt li jaġixxu fil-livell nazzjonali jew permezz ta' organizzazzjonijiet reġjonali li huma impenjati fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, għal perijodu ta' sena, biex "jispezzjonaw fl-ibħra miftuħa lil hinn mill-kosta tal-Libja, bastimenti li b'mod raġonevoli huma suspettati li qed jintużaw għall-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti jew t-traffikar ta' bnedmin mil-Libja, dment li dawn l-Istati Membri u organizzazzjonijiet reġjonali jagħmlu sforzi b'rieda tajba biex jiksbu l-kunsens tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment qabel ma jużaw l-awtorità deskritta f'dan il-paragrafu". Tawtorizza wkoll lill-Istati Membri 'biex jikkonfiskaw bastimenti spezzjonati skont l-awtorità tal-paragrafu 7 li jkunu kkonfermati bħala li qed jintużaw għall-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin mil-Libja, u tissottolinja li fir-rigward ta' dawn il-bastimenti spezzjonati skont l-awtorità tal-paragrafu 7, ser tittieħed azzjoni ulterjuri, inkluża l-konfiska, f'konformità mad-dritt internazzjonali applikabbli b'konsiderazzjoni dovuta tal-interessi ta' kwalunkwe parti terza li aġixxiet b'rieda tajba u "biex jużaw il-miżuri kollha adatti għaċ-ċirkostanzi speċifiċi meta jikkonfrontaw persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' migranti jew traffikanti ta' bnedmin fit-tweqqiq tal-attivitajiet skont il-paragrafi 7 u 8 u f'konformità sħiħa mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif applikabbli".
- (4) Fis-16 ta' Ottubru 2015 il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA indika li l-operazzjoni kienet lesta biex timplimenta ir-Riżoluzzjoni 2240 (2015) tal-KSNU.
- (5) Wara ftehim mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, il-Kunsill fit-18 ta' Jannar 2016 ikkonkluda li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex l-operazzjoni timplimenta l-awtorità mogħtija mir-Riżoluzzjoni 2240 (2015) tal-KSNU fuq l-ibħra miftuħa l barra mill-kosta tal-Libja, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778.
- (6) L-operazzjoni għandha għalhekk tiġi awtorizzata biex twettaq imbark, tfittxija, sekwestru u devjazzjoni, fl-ibħra miftuħa, ta' bastimenti suspettati li jkunu qed jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jew traffikar ta' bnedmin skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni 2240(2015) tal-KSNU u għandhom jiġu approvati Regoli tal-Ingaġġ adattati għal dak l-għan.

⁽¹⁾ ĠUL 122, 19.5.2015, p. 31.

⁽²⁾ ĠUL 258, 3.10.2015, p. 5.

- (7) It-transizzjoni għal fazzjiet sussegwenti tal-operazzjoni, li jinkludu miżuri fl-ilmijiet territorjali u interni tal-Istat kostali skont il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, ser tkun soġġetta għal valutazzjoni ulterjuri mill-Kunsill dwar jekk ikunux ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet għal dik it-transizzjoni, b'kont meħud ta' kwalunkwe Riżoluzzjoni applikabbli tal-KSNU u l-kunsens mill-istati kostali kkonċernati, u d-deċiżjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà dwar meta għandha ssir it-transizzjoni, f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/972 ⁽¹⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) hija b'dan awtorizzata biex twettaq imbark, tfittxija, sekwestru u devjazzjoni, fl-ibħra miftuħa, ta' bastimenti suspettati li jkunu qed jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jew traffikar ta' bnedmin skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni 2240 (2015) tal-KSNU, f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, għall-perijodu stabbilit f'dik ir-Riżoluzzjoni inkluż kwalunkwe estensjoni sussegwenti ta' dak il-perjodu mill-Kunsill tas-Sigurtà.

Artikolu 2

Ir-Regoli tal-Ingaġġ adattati biex l-awtorizzazzjoni fl-Artikolu 1 ssir effettiva huma b'dan approvati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠUL 157, 23.6.2015, p. 51.